**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 276/12VG**

**David Grech**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Illum 22 ta' Jannar 2018**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn David Grech fl-20 ta' Settembru 2012 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 2 ta' Mejju 2012 u jiddikjara li l-ebda ammont ma huwa minnu dovut bhala taxxa u/jew taxxa addizjonali lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni; bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) permezz ta' liema in linea preliminari jeccepixxi li huwa gie indikat b'mod zbaljat stante li l-appell kellu jsir kontra d-Direttur Generali (Taxxi Interni), preliminarjament ukoll jeccepixxi li l-appell gie pprezentat *fuori termine* ai termini ta' l-Artikolu 58(1) tal-Kap,364 tal-Ligijiet ta' Malta u llum il-gurnata l-Likwidazzjoni ta' Taxxa hija finali u konkluziva skond l-Artikolu 60 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-mertu d-Direttur Generali (Taxxi Interni) jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni datata moghtija mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fit-2 ta' Mejju 2012 u tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li d-decizjoni u l-Likwidazzjoni ta' Taxxa huma gusti u saru skond il-Ligi;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 9 sa' 14 tal-process;

Ra l-affidavit ta' Ivan Portelli, Enforcement Manager mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni fis-Sezzjoni tal-Capital Transfer Duty, esebit mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) permezz ta' Nota pprezentata fid-29 ta' Jannr 2013 a fol. 23 sa' 35 tal-process;

Ra li waqt is-seduta tat-13 ta' Gunju 2013[1] gie dikjarat li l-proceduri odjerni mexjin mar-Rikors bin-Numru 161/12VG, li huwa r-Rikors fl-ismijiet "JG Ironmongery Limited v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" deciz illum ukoll;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni moghtija mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) fit-2 ta' Mejju 2012 u Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV 106994[2] mahruga fil-konfront tieghu mill-imsemmi Direttur Generali in konnessjoni ma' l-akkwist tal-fond Nru.22, Triq il-Madonna ta' Pompei, Birkirkara, in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon datat 19 ta' Dicembru 2007. Bl-imsemmija decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni u Likwidazzjoni ta' Taxxa d-Direttur Generali (Taxxi Interni) jitlob li r-Rikorrent ihallas is-somma ta' €3,815.00 bhala taxxa fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' €76,300 flimkien mas-somma ta' €3,815.00 rapprezentanti taxxa addizzjonali/penali, komplessivament ammontanti ghal €7,630.00.

Id-Direttur Generali (Taxxi Interni), illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni moghtija fit-2 ta' Mejju 2012 u mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV 106994 u jitlob li l-istess jigi michud, stante li: (i) in linea preliminari l-appell interpost mir-Rikorrent huwa *fuori termine* ai termini ta' l-Artikolu 58(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta u llum il-gurnata l-Likwidazzjoni ta' Taxxa hija finali u konkluziva skond l-Artikolu 60 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta; u (ii) fil-mertu, id-decizjoni moghtija minnu fit-2 ta' Mejju 2012 u l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga minnu huma gusti u saru skond il-Ligi. Id-Direttur Generali (Taxxi Interni) jeccepixxi wkoll li f'dawn il-proceduri huwa gie indikat b'mod zbaljat stante li l-appell kellu jsir kontra d-Direttur Generali (Taxxi Interni).

Fil-fehma tat-Tribunal ftit ghandu jkun hemm dubju li qabel ma jigi trattat l-appell tar-Rikorrent fil-mertu, ghandha tigi trattata u deciza l-eccezzjoni tat-tardività ta' l-appell sollevata mid-Direttur Generali (Taxxi Interni). Qabel ma jittratta tali eccezzjoni però, it-Tribunal se jittratta l-eccezzjoni tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) fis-sens li huwa gie indikat b'mod zbaljat stante li l-appell kellu jsir kontra "Id-Direttur Generali (Taxxi Interni)" u mhux kontra "Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni".

Bhala fatt a tenur ta’ l-Artikolu 3 ta’ l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap.517 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bis-sahha ta’ Ordni ta’ Delega ta’ Funzjonijiet relattiv ghall-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi ppubblikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern ta’ l-20 ta’ Lulju 2012, il-Kummissarju tat-Taxxi assuma r-responsabiltajiet kollha nascenti mill-Att dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta, **u** ddelega tali responsabiltajiet fuq id-Direttur Generali (Taxxi Interni) b’effett mill-20 ta’ Jannar 2012. B’hekk teknikament il-proceduri kellhom jigu istitwiti fil-konfront tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) izda fil-fehma tat-Tribunal il-fatt li l-proceduri gew istitwiti fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma johloq l-ebda problema jew nullità tal-

[1] Fol. 37 tal-process.
[2] Fol. 10 u 11 tal-process.

proceduri ghaliex a tenur ta' l-Avviz Legali 173 ta' l-2012 l-intestatura "Kummissarju tat-Taxxi Interni" ghandha – jew ghall-inqas dak iz-zmien kellha – titqies ekwivalenti ghal u ghandha l-istess tifsira w effetti legali bhall-intestatura "Direttur Generali (Taxxi Interni)". Fi kwalunkwe kaz jigi osservat li llum in forza ta' Ordni ta' Assunzjoni mill-Gdid ta' Funzjonijiet ippubblikata fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Awwissu 2014, b'effett mis-27 ta' Gunju 2014, il-Kummissarju tat-Taxxi rega' assuma r-responsablijiet nascenti mill-Att dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti u ghaldaqstant illum l-intimat fil-proceduri odjerni huwa l-Kummissarju tat-Taxxi. Nonostante tali fatt, xorta wahda ma hemm ebda effett fuq il-proceduri u t-Tribunal iqis li ma hija mehtiega l-ebda korrezzjoni stante li a tenur ta' l-Avviz Legali 273 ta' l-2014, l-intestatura "Kummissarju tat-Taxxi Interni" ghandha titqies ekwivalenti ghal u ghandha l-istess tifsira w effetti legali bhall-intestatura "Kummissarju tat-Taxxi". B'hekk it-Tribunal mhux se jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata mid-Direttur Generali (Taxxi Interni).

Trattata din il-kwistjoni t-Tribunal ser jghaddi biex jittratta l-eccezzjoni tat-tardività ta' l-appell sollevata mid-Direttur Generali (Taxxi Interni).

Id-Direttur Generali (Taxxi Interni) jibbaza din l-eccezzjoni fuq l-Artikolu 58(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, liema subartikolu jipprovdi - u hekk kien jipprovdi ukoll fiz-zmien pertinenti ghal dawn il-proceduri - li *kull persuna illi thoss ruhha aggravata b'likwidazzjoni, u ma tkunx ftehmet mal-Kummissarju dwar l-ammont ta' taxxa li ghandu jithallas kif provdut fl-artikolu 56(1), tista' taghmel appell lit-Tribunal fi zmien tletin gurnata mid-data tan-notifika lilha ta' avviz tar-rifjut tal-Kummissarju li jemenda l-likwidazzjoni kif mitlub.*

Mid-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxi Interni)[3] u mill-provi prodotti mid-Direttur Generali (Taxxi Interni), senjatament mill-affidavit ta' Ivan Portelli u d-dokumenti annessi mieghu[4], jirrizulta li wara li r-Rikorrent kien ircieva l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV106994 mahruga fid-29 ta' Ottubru 2008[5] huwa kien oggezzjona mill-istess Likwidazzjoni ta' Taxxa permezz ta' ittra ta' oggezzjoni datata 6 ta' Novembru 2009[6]. Din l-oggezzjoni giet rifjutata mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) b'decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni moghtija fit-2 ta' Mejju 2012[7] u ghalhekk il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV106994 giet ikkonfermata u mahruga mill-gdid fil-konfront tar-Rikorrent fit-2 ta' Mejju 2012[8]. Il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV106994 mahruga fit-2 ta' Mejju 2012 u d-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni datata 2 ta' Mejju 2012 inhargu ghan-notifika fl-indirizz "Publius" Triq San Lawrenz, Birkirkara, li jirrizulta li kien l-indirizz residenzjali dak iz-zmien ta' David u Mary konjugi Grech, permezz tal-posta registrata fit-3 ta' Mejju 2012 u dawn jirrizultaw li gew notifikati lil M. Grech[9]. Mill-AR Card relattiva ghan-notifika tad-decizjoni ta' Rifjut ta' l-Oggezzjoni u tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV106994 jidher indikat li n-notifika saret fit-8 ta' April 2012. It-Tribunal huwa konvint li dan huwa zball tal-pinna tal-pustier stante li ladarba dawn id-dokumenti

[3] Fol.9 sa' 14 tal-process.
[4] Fol. 24 sa' 35 tal-process.
[5] Fol. 30 tal-process.
[6] Fol. 31 tal-process.
[7] Fol. 12 sa' 14 tal-process.
[8] Fol. 10 u 11 tal-process.
[9] Fol. 9 tal-process.

nhargu ghan-notifika fit-3 ta' Mejju 2012 zgur ma setghux gew notifikati fit-8 ta' April 2012. Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk in-notifika lir-Rikorrent saret fit-8 ta' Mejju 2012.

Bhala fatt ir-Rikorrent mhux qed jichad li huwa gie notifikat bid-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni u bil-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV106994 mahruga fit-2 ta' Mejju 2012 u ma ressaq l-ebda prova li tikkontradici dak affermat mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) tramite r-rapprezentant tieghu Ivan Portelli. Lanqas ma jikkontesta n-notifika kif tirrizulta mill-AR Card esebita mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) a fol. 9 tal-process bil-konsegwenza ghalhekk li t-terminu statutorju ta' tletin gurnata entro liema r-Rikorrent seta' jappella mid-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni datata 2 ta' Mejju 2012 u mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV106994 mahruga fit-2 ta' Mejju 2012, beda jiddekorri mit-8 ta' Mejju 2012. Dan ifisser ghalhekk li l-appell odjern, li gie pprezentat fl-20 ta' Settembru 2012, gie ipprezentat oltre t-terminu ta' tletin gurnata previst fl-Artikolu 58(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta bil-konsegwenza ghalhekk li huwa kjarament tardiv.

Ladarba dan l-appell huwa tardiv it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjarah irritu u null u b'hekk jichdu. Detto ciò it-Tribunal jappella lill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex minkejja t-tardività ta' dan l-appell u minkejja l-fatt li ormai l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV106994 saret finali u konkluziva a tenur ta' l-Artikolu 60 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl tad-decizjoni moghtija fis-sentenza fl-ismijiet "JG Ironmongery Limited v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 161/12VG deciza llum stess, liema proceduri huma konnessi mal-proceduri odjerni in kwantu si tratta ta' l-istess trasferiment, japplika dak hemm konstatat, kunsidrat u deciz dwar il-valur addizzjonali taxxabbli u b'hekk il-konsegwenti taxxa u taxxa addizzjonali dovuti in konnessjoni ma' tali trasferiment, fir-rigward tar-Rikorrent odjern ukoll u dana sabiex nonostante kollox issir gustizzja xierqa fil-konfront ta' kulhadd.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Generali (Taxxi Interni), jilqa' l-eccezzjoni tat-tardività ta' l-appell odjern sollevata mid-Direttur Generali (Taxxi Interni), jiddikjarah irritu u null u konsegwentment jichad l-imsemmi appell.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**